# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Fontana

Is-Seba' Leġislatura

**Laqgħa numru 41**

**31 ta' Jannar 2019**

Il-Kunsill Lokali tal-Fontana ltaqa' fis-Sala tal-Komunita' li tinsab fi Triq Ta' Mulejja fis-6.00pm.

**PREŻENTI:**

Saviour Borg – Sindku
Victor Cefai – Viċi-Sindku
Carmel Farrugia – Kunsillier
Horace Micallef - Kunsillier
Mario Mercieca – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Manolita Farrugia – Deputat Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

**41.1 Qari tal-ittri ta' Apoloġiji.**

Il-membri kollha kienu preżenti għal-laqgħa u għalhekk ma kienx hemm ittri ta' apoloġija ta' din il-laqgħa. Is-Sindku Saviour Borg ippresieda l-laqgħa.

**41.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti.**

Ġew ippreżentati l-minuti numru 38 u 40 għall-approvazzjoni tal-Kunsill. Dawn ġew approvati unanimament.
Ġew ippreżentati l-minuti numru 39 għall-approvazzjoni tal-Kunsill. Dawn ser jigu approvati fil-laqgha li imiss peress li ma kienux ghandhom lesti.

**41.3 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

Il-pagamenti ġew approvati unanimament u ċ-ċedola tal-pagamenti ġiet iffirmata mis-Sindku u d-Deputat Segretarju Eżekuttiv.

Il-Kunsill approva il-Budget ghas-sena 2019, kopja mehmuza. Il-Kunsill iddecieda li il-Business Plan ser jigi approvat fil-laqgha li jmiss.

**41.4 Komunikazzjoni mis-Sindku.**

41.4.1 Is-Sindku informa lil Kunsill li saret katusa mill-kumpanija A&L Mintoff f'tarf Triq John Gaspard le Marchant ghall-Triq Santa Dminka kif kien ordnat mill-Kunsill.

41.4.2 Is-Sindku informa lil Kunsill li saret il-laqgha tal-Bord tal-evalwazzjoni FLC11/2018. Il-Kunsill gie infurmat ukoll li ir-rapport tal-Bord tal-evalwazzjoni ghall-air conditions fis-sala ser jitpogga' fuq is-sistema tal-EPPS.

41.4.3 Il-Kunsill gie mgharraf li sar bukkett ghall-funeral tal-ex-Sindku, is-Sur Anthony Borg u il-bandiera tal-Kunsill ittellet *mezz asta* b'rispett f'jum il-funeral. Ghall-funeral attendew is-Sindku, il-Vici Sindku u il-kunsilliera Micallef u Farrugia.

41.4.4 Is-Sindku informa lil Kunsill li sar it-tizjin tal-Milied fit-toroq kif kien maqbul mill-istess Kunsill u li konna l-aktar lokalita' imzejna fil-granet tal-Milied bhala Kunsilli Lokali.

41.4.5 Il-Kunsill gie infurmat li hemm bzonn li isir tindif fil-monument tas-sajjieda mill-aktar fis possibli u ghalhekk ser jitqabbad il-marmista li hadem il-monument b'konsultazzjoni mal-bronzar.

41.4.6 Il-Kunsill gie mgharraf li rigward il-fanali li hemm fis-sala, bdiet ic-certification minghand l-enginier tad-dawl. Saret zjara fuq il-post mal-enginier flimkien ma min ser iwahhal il-fanali sabiex jaraw kif ser isir ix-xoghol.

41.4.7 Il-Kunsill gie mgharraf li qed tinhadem l-offerta' tal-porfido ta' madwar il-Knisja. Il-Kunsill gie ukoll infurmat li harget l-offerta tal-fanali li kien hemm l-appell dwaru.

41.4.8 Il-Kunsill iddiskuta u iddecieda li ghandha issir laqgha ma Gatt Tarmac qabel ma jibda ix-xoghol tal-asfaltar sabiex ikun miftiehem kif ghandu isir ix-xoghol.

41.4.9 Il-Kunsill gie infurmat li saru sinjali sofor fi Trejqet Grezzja Grima kantuniera ma Qalb ta' Gesu' kif kien mitlub mir-residenti.

41.4.10 Il-Kunsill iddiskuta u qabel li ghandha issir it-talba ghat-tigdid tal-hatra tad-Deputat Segretarju Ezekuttiv.

41.4.11 Is-Sindku qal li hemm bzonn doggy bin fi Triq is-Sajjieda. Huwa qal ukoll li hemm bzonn issir mera f'tarf Triq Wied Siekel peress li inkissret dik li kien hemm. Il-Kunsill qabel.

41.4.12 Il-Kunsill gie mgharraf li is-Sindku kellem lil perit rigward il-hsara li saret fis-suffitt minn dhul ta' ilma fil-bejt tas-sala tal-komunita'. Gie innutat ukoll li hemm tixrib tal-ilma fil-faccata tal-istess sala.

41.4.13 Hemm bzonn li tinxtara xemgha ghan-nicca tas-Salvatur kif ukoll gie ipproponut mis-Sindku li issir harga socjo-kulturali f'Malta fix-xhar ta' Marzu.

Fis-6:20pm, il-Vici Sindku gie skuzat mis-sala u reggha lura fis-6:40pm.

Il-laqgha giet sospiza sabiex id-Deputat Segretarju Ezekuttiv harget mis-sala halli il-Kunsill jista' jiddiskuti liberament fis-7:00pm wara li id-Deputat Segretarju Ezekuttiv infurmat lil Kunsill li iridu jiddiskutu il-performance appraisal taghha kif ukoll tas-Segretarju Ezekuttiv precedenti. Il-laqgha regghet bdiet fis-7:10pm u id-Deputat Segretarju Ezekuttiv giet mghoddija ir-rapporti. Gie mghoti 7.5 kull wiehed b'vot unanimu tal-Kunsill u iddecidew li ir-rapport tal-iskrivan jigi pprezentat f'laqgha ohra.

41.4.14 Il-Kunsill gie mgharraf li f'Lulju li ghadda kien ser isir reciviment ta' tieg fis-sala tal-komunita' pero' dan ma sehhx kif kien pjanat.

Il-Kunsillier Horace Micallef informa lid-Deputat Segretarju Ezekuttiv li hemm kumpanija li tixtieq taghmel taghlim tal-licenzja CPC fis-sala tal-komunita' u ghalhekk ghaddiela id-dettalji sabiex tikkomunika mieghu. Il-hames lezzjonijiet jixtieqhom li isiru is-Sibtijiet bejn 8:00am u 3:00pm. Il-Kunsill qabel li ghandu jintghalab hlas ta' €100 ghall-kull lezzjoni, kif hemm fil-bye law tal-kiri tas-sala.

## 41.5 Qari tal-Korrispondenza

41.5.1 Cirk Akl 2019/008 – Bring the history back to life with the Malta Experience – Valletta

41.5.2 Ċirkulari numru 001/2019 maħruġa mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata 'Polza tal-Assigurazzjoni tal-Flus għar-Reġjuni u Kunsilli Lokali'.

Il-prezz huwa ta' €65 kull Kunsill. Il-Kunsill ma qabilx li għandu jissieħeb f'din il-polza ta' assigurazzjoni.

41.5.3 Ċirkulari numru 002/2019 maħruġa mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata '*Personal Accident Policy*'. Il-prezz huwa ta' €30 kull persuna. Il-Kunsill qabel li għandu jissieħeb f'din il-polza ta' assigurazzjoni inkluz l-iskrivan tal-Kunsill.

41.5.4 Ċirkulari numru 003/2019 maħruġa mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata 'Talbiet jew applikazzjonijiet għal Devoluzzjoni li għadhom pendenti'. Il-Kunsill innota l-kontenut u bghat jinforma lil AKL li ghandu talbiet pendenti ghad-devoluzzjoni tal-fond 189/190 fi Triq il-Ghajn kantuniera ma Triq ta' Mulejja biex tkompli biex titkompla tinbena l-ahhar fazi tac-centru civiku. Kif ukoll id-devuluzzjoni tal-ghejjun, replika tal-ghajn tal-loggog kif ukoll il-bankina ta' pjazza l-ghejjun.

41.5.5 E-mail mingħand is-Sur Natalino Attard, Direttur Ġenerali tal-Gvern Lokali, li fiha qed jinforma lill-Kunsilli Lokali li s-Sur Christopher Galea ġie maħtur Direttur-*Designate* tal-Kunsilli Lokali (Moniteraġġ u Sapport). Il-ħatra tiegħu bħala Direttur tidħol fis-seħħ fl-1 ta' April 2019. Il-Kunsill innota l-kontenut.

41.5.6 Email minghand kumpaniji differenti bil-kwotazzjoni ghall-2 computers. Il-Kunsill qabel li dawn il-computers ma jinxtrawx bhalissa.

41.5.7 E-mail mingħand is- Sindku tal-Kunsill Lokali ta' San Lawrenz, li fiha qed jinforma lill-Kunsilli Lokali Għawdxin b'opportunita' dwar *feature* televiżiv li fih jiġu diskussi l-irħula ta' Għawdex minn aspetti differenti. Il-prezz huwa ta' €300. Il-Kunsill innota il-kontenut.

41.5.8 Ċirkulari numru 004/2019 maħruġa mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata 'Laqgħa Plenarja – Għawdex 15/16 ta' Frar 2019'. Il-prezz huwa ta' €80 kull partecipant. Il-Kunsillier Horace Micallef wera' ix-xewqa tieghu sabiex jattendi.

41.5.9 Ċirkulari numru 005/2019 maħruġa mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata 'Summit għall-membri żgħażagħ eletti'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

41.5.10 E-mail mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali li fiha qed jistieden rappreżentant/a mill-Kunsill Lokali Għawdxin sabiex jattendi għal sessjoni ta' informazzjoni dwar il-programm 'Urbact III' iffinanzjat minn fondi tal-Unjoni Ewropa. Din is-sessjoni ser issir nhar it-Tlieta 12 ta' Frar 2019. Il-Kunsill innota l-kontenut.

41.5.11 Email minghand il-Ministru ghall-Ghawdex fejn qed tinfurmana li taccetta li isir il-hlas ta' €2000 li hemm bhala differenza fil-bid tal-asfaltar ta' parti minn Triq il-Ghajn, izda il-kunsill irid johrog il-VAT li ser jammonta ghall-€25,000.

41.5.12 DG/K/02/2019 & Cirk AKL 2019/10 – Data Protection Officer fil-Kunsilli Lokali. Id-Deputat Segretarju Ezekuttiv innominat lid-DPO tal-AKL kif kien gie issuggerit mill-istess AKL sabiex ma jkunx hem penali fuq il-Kunsill sakemm jinstab DPO iehor. Il-Kunsill ser jistaqsi lill-iskrivan tal-Kunsill jekk iridx joqghod ghall-din il-pozizzjoni. Il-Kunsillier Micallef staqsa sabiex nivverifikaw, jekk jigri xi haga, id-DPO tal-AKL ser ikun responsabbli tal-Kunsill Fontana.

41.5.13 Email minghand il-UHM fejn qieghda tinforma sabiex minghu affiljat maghha ma jaccettax ir-responsabilta' ta' *data protection officer sakemm* mhux ghax ikun irid hu.

41.5.14 Email mill-*Middle School* b'stedina sabiex is-Sindku u kunsilliera jippartecipaw f'Fun Walk bit-tema tal-Climate Change f'Marzu fi hlas ta' €2 kull persuna li tattendi. Il-Kunsill innota il-kontenut.

41.5.15 Email minghand il-Ministeru ghall-Ghawdex fejn qed jinforma lil-Kunsilli rigward espressjoni ta' interess ghall-artisti lokali sabiex jiehdu sehem f'attivitajiet li ser isiru matul ix-xhur li gejjin.

41.5.16 Email minghand il-Grenke fejn qed tinfurmana li jekk nixtiequ nistghu nitterminaw il-kuntratt u jaghtuna printer ohra b'kuntratt gdid wara li

jithallsu dak li hu dovut lilhom. Jekk hemm xi problemi ta' danni rigward iz-zmien meta il-printer ma kienetx tahdem sewwa irridu insolvuwa ma min qieghed jipprovdi il-printer. Is-Sindku ippropona li jinbeda il-process sabiex tinxtara photo copier.

41.5.17 Email minghand l-Agenzija Sapport fejn qed titlob lil Kunsill sabiex jintbghatu xi questionnaires u ittri lir-residenti specjalment dawk li ghandhom persuni b'dizabilita' b'eta' anqas minn 30 sena.

41.5.18 Email minghand il-Mediterranean Tourism Foundation fejn qieghdin jistiednu lis-Segretarji Ezekuttivi flimkien ma membru tal-Kunsill sabiex jattendu laqgha fuq turizmu sostenibbli fil 15/16 ta' Frar gewwa Ghawdex.

41.5.19 Email minn Transport Malta fejn qieghdin jissugerixxu li isir single yellow line min quddiem il-forn fi Triq il-Ghajn sa sqaq numru 2 wara li il-Kunsill bghat it-talba li ircieva dwar din il-parti tat-Triq. Il-Kunsill qabel ma dan is-suggeriment. Il-Kunsillier Mario Mercieca issuggerixxa li inkellmu lil min ghamel it-talba u il-girien sabiex ninfurmawhom bix-xoghol li ser isir. Il-kumplament tal-Kunsill qablu li isir ix-xoghol peress li huwa ta' beneficcju ghall-kulhadd.

41.5.20 Email mid-Dipartiment tal-Progetti fi hdan il-Ministeru ghall-Ghawdex sabiex jigi infurmat f'liema stadju hija is-sejha tal-asfaltar ta' Parti minn Triq il-Ghajn. Id-Deputat Segretarju Ezekuttiv diga' baghtet risposta lid-Dipartiment.

41.5.21 Email minghand l-ufficcju elettorali sabiex tintuza is-sala tal-komunita' fiz-zmien bejn l-20 u is-27 ta' Mejju sabiex issir il-votazzjoni. Il-Kunsill qabel ma din it-talba bi prezz ta' €300 kif issir f'kull elezzjoni.

41.5.22 Email minghand il-kap tal-Community Workers Scheme sabiex jara ghux ser jigi iffirmat l-mandat tal-haddiema assenjati mal-Kunsill tal-Fontana. Il-Kunsill ikkonferma id-decizzjoni li ha fil-laqgha precedenti.

41.5.23 Email minghand il-Mica Med fejn tinfurmana li il-garanzija tax-xoghol giet estiza b'xahar skond kif kien mitlub mill-enginier tal-Kunsill.

41.5.24 Ilment rigward l-streaming tal-laqghat tal-Kunsill li mhux possibli taccedi il-link. Azzjoni diga qieghda tittiehed sabiex dan ix-xoghol jerggha isir kif kien qabel.

41.5.25 Ilment minghand resident rigward it-Triq Mikiel Buttigieg sabiex titranga bit-torba. Dan l-ilment tressaq lil Ministru ghall-Ghawdex peress li il-Kunsill ma ghamilx xoghol f'din it-Triq. Is-Sindku informa lil Kunsill li quddiem fejn joqghod dan ir-resident f'din it-triq ilu li sar bit-tarmac mill-Ministru ghall-Ghawdex minn Frar 2013 fiz-zmien l-amministrazzjoni l-ohra. Is-Sindku qal u il-Kunsill qabel unanimament li trid issir risposta li din it-triq mhix fir-responsabilta' tal-Kunsill peress li ghadha qatt ma giet asfaltata ghalhekk hija responsabilta' tal-Ministeru ghall-Ghawdex. Il-Kunsill qabel ukoll li tintbghat email b'talba lil Ministru ghall-Ghawdex sabiex issir il-manutenzjoni mehtiega jew asfaltar u il-Kunsill ma jsib l-ebda oggezzjoni li il-Ministeru jaghmel ix-xoghol b'risq ir-residenti imma mhux ser jikser l-ebda ligi, peress li din it-triq ma taqax taht ir-responsabilta' tal-Kunsill billi fit-triq ma hemmx bini u l-anqas servizzi tad-drenagg u ilma u ghalhekk ghadha propjeta' privata.

41.5.26 Cirk AKL 2019/009 – Proposta sabiex isiru electrical charging pillars. Il-Fontana mhux imdahhla f'dan il-progett. Il-Kunsill wera' l-interess sabiex isir electrical charging pillar fi Triq ta' Mulejja.

41.5.27 Cirk AKL 2019/006 – Sessjonijiet ta' tahrig ghall-Fire Wardens u First Aid lil haddiema tal-kunsilli. (7 ta' Frar, Marzu u April)

41.5.28 Email minghand il-Ministeru ghal-Ghawdex sabiex nghaddulhom informazzjoni dwar xi attivitajiet li ser isiru waqt zmien il-Ghid.

41.5.29 Email minghand id-dipartiment tal-Gvern Lokali rigward Brexit fejn Identity Malta qieghda titlob lil Kunsilli sabiex jghaddu informazzjoni rigward ghandhomx xi post fejn l-ufficcjali ta' Identity Malta jistghu jahdmu sabiex jaghtu dokumenti lil cittadini Inglizi wara li isir Brexit. Dawn iridu post b'imwejjed u siggijiet u jinfethu ghall-pubbliku bejn it-Tnejn sal-Gimgha bejn it-3.00pm u 8.00pm u Sibtijiet bejn it-8.00am u 1.00pm. Fil-kaz li ikun hemm spejjez sabiex ikun hemm xi hadd biex jiftah

u jaghlaq il-post, dawn l-ispejjez ser tkoprijhom l-Identity Malta. Il-Kunsill qabel ma din il-proposta kontra hlas tal-uzu tas-sala.

41.5.30 Email minghand Maltabuscoop fejn tinforma lil Kunsill li karozzi tal-linja antiki gew irrestawrati u jistghu jigu uzati ghal xi attivitajiet u hargiet.

41.5.31 Ittra minghand id-Dipartiment ghall-Gustizzja, Kultura u Gvern Lokali sabiex tinforma lil Kunsilli li ftit gimghat ohra il-Ftira Artigjanali Maltija ser tigi innominata biex tkun fuq il-Lista UNESCO ghall-Wirt Kulturali Intangibbli.

41.5.32 Cirk Nr 1/2019 – Onorarja dovut lil President u membri eletti tal-assocazzjoni tal-Kunsilli lokali, presidenti tar-regjuni u Sindki

41.5.33 Email minghand Zenith Group fejn qieghed jistaqsi rigward il-possibilita' sabiex isiru laqghat lil-pubbliku rigward investimenti u skemi finanzjarji. Il-Kunsill qabel li issir laqgha ma din l-entita' sabiex isir il-ftehim mehtieg.

**41.6 Hruġ ta' Offerti**

Kien hemm qbil sabiex il-Kuntratt tal-ġbir ta' skart jiġġedded għal xahar ieħor.

Il-Kunsill qabel fuq l-Evaluation report.

**41.7 Tmiem il-laqgħa u data tas-Seduta li jmiss**

Il-laqgħa tal-Kunsill Lokali ntemmet fil-8:30p.m u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn, 11 ta' Jannar 2019 fil-5.30p.m b'aġenda li tkun komunikata aktar 'il quddiem.

**IFFIRMATA**
**Saviour Borg**
**Sindku**

**IFFIRMATA**
**Manolita Farrugia**
**Deputat Segretarju Eżekuttiv**